

Brussell, 28 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16368/24

COH 75

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Novembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15498/24	
Suġġett:	Ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fl-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Novembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fl-UE, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali/Koeżjoni) fl-4062 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Novembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fl-UE**FILWAQT LI JQIS LI:**

- (1) Id-Dikjarazzjoni ta' Granada tas-6 ta' Ottubru 2023 enfasizzat il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi, bħala parti mill-isforzi biex tinbena Ewropa aktar b'saħħitha, aktar dinamika, kompetittiva u koeżiva f'dinja li qed tinbidel, filwaqt li tkun iggwidata mill-valuri u l-prinċipji Ewropej, id-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, u l-istat tad-dritt;
- (2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni" enfasizzat l-importanza li l-Istati Membri jintegraw il-kwistjonijiet demografiċi fil-proposti ta' politika rilevanti u l-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjawhom, u li l-Kummissjoni tagħmel dan fil-livell tal-UE, fejn xieraq;
- (3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "L-isfruttar tat-talent fir-Reġjuni tal-Ewropa" tenfasizza s-sett ta' sfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni demografika li għaddejja bħalissa, b'mod partikolari r-reġjuni li jinsabu f'nassa tal-iżvilupp tat-talenti, li l-biċċa l-kbira minnhom huma reġjuni inqas żviluppati, u reġjuni f'riskju li jaqgħu f'din in-nassa, kif ukoll ir-riskji relatati mal-feġġ ta' disparitajiet territorjali ġodda u akbar fl-UE;
- (4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-ġestjoni tat-tibdil demografiku fl-Ewropa" issottolinjaw il-ħtieġa għal aktar azzjoni għall-ġestjoni tat-tibdil demografiku billi jsiru sforzi kontinwi biex jirriflettu t-tibdil demografiku u l-impatt tiegħu fuq il-kompetittività, il-kapital uman u l-ugwaljanza, bil-ħsieb ta' aktar diskussjonijiet dwar suġġett ta' din l-importanza strateġika għall-Unjoni;

- (5) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika ta' koeżjoni, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar id-9 Rapport ta' Koeżjoni enfasizzaw it-tranżizzjonijiet diġitali, ekoloġiċi u demografiċi li qed tiffaċċa l-Unjoni, kif ukoll l-isfidi attwali u emerġenti elenkati fihom;

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (6) JAGĦRAF li l-isfidi demografiċi għandhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-futur tar-reġjuni u ċittadini kollha tal-UE u jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u r-reżiljenza u l-kompetittività tal-UE kollha kemm hi, u potenzjalment iwessgħu d-disparitajiet bejn u fi ħdan ir-reġjuni;
- (7) JIRRIKONOXXI li l-politika ta' koeżjoni kienet waħda mill-aktar strumenti importanti tal-UE li tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi demografiċi billi tappoġġa kemm il-miżuri ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament, speċjalment permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) billi tinvesti fin-nies, fil-kapital uman, fl-inklużjoni soċjali u fl-innovazzjoni soċjali, u permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) billi tinvesti fi trasformazzjoni u rivitalizzazzjoni ekonomika ġusta, fl-innovazzjoni, fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll fl-infrastruttura sostenibbli u fis-servizzi aċċessibbli fir-reġjuni;
- (8) JENFASIZZA li r-reazzjonijiet ta' politika għall-isfidi demografiċi għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jkunu bbażati wkoll fuq realtajiet lokali u reġjonali, u mfassla u implimentati bl-involviment attiv tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali; filwaqt li jqis ukoll li l-isfidi demografiċi ma jaffettwawx l-oqsma kollha bl-istess mod, HUWA TAL-OPINJONI, għalhekk, li l-politika ta' koeżjoni għandha tkompli taqdi rwol ċentrali fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi anke fil-futur, permezz ta' strateġiji integrati bbażati fuq il-post u n-nies, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-prinċipju tas-šhubija u l-governanza f'diversi livelli, kif ukoll il-ġestjoni kondiviża;

- (9) IQIS li l-indirizzar effettiv tal-isfidi demografiċi jirrikjedi approċċ olistiku u sett komprensiv ta' miżuri fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni, speċjalment f'reġjuni inqas żviluppati, biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza reġjonali, jinżamm it-talent u jitreġġa' lura l-eżodu ta' mħuħ, kif ukoll biex jiġi evitat in-nuqqas ta' ħiliet b'mod li jiżgura tkabbir sostenibbli fit-tul u l-inklużjoni soċjali fir-reġjuni kollha tal-UE, flimkien ma' riformi strutturali rilevanti allinjati mal-prijoritajiet tal-Istati Membri u appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva;
- (10) JISSOTTOLINJA, għalhekk, l-importanza li l-politika ta' koeżjoni tindirizza l-oġettivi speċifiċi attwali kemm tal-FSE+ kif ukoll tal-FEŻR; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora aktar oqsma ta' appoġġ għall-futur li huma rilevanti biex jiġi indirizzat it-tibdil demografiku;
- (11) JENFASIZZA li, minħabba n-nuqqas ta' approċċ globali, l-appoġġ taħt il-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi s'issa baqa' frammentat; JISSOTTOLINJA li strateġiji komprensivi ta' żvilupp territorjali jistgħu jindirizzaw ukoll il-ħtiġijiet u l-isfidi demografiċi; JISTIEDEN lill-Kummissjoni, għalhekk, tikkunsidra li ssaħħaħ is-sinerġiji fost il-fondi tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027, inkluż billi ssaħħaħ l-approċċi territorjali integrati;
- (12) JISSOTTOLINJA li approċċ aktar integrat tal-politika ta' koeżjoni fil-futur isaħħaħ ukoll l-isforzi tal-UE fir-rikonoxximent u l-indirizzar kemm tal-impatt tat-tibdil demografiku kif ukoll l-effetti li din l-isfida jista' jkollha fuq it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali;
- (13) IFAKKAR li dawn il-konklużjonijiet huma mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027.
-